**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Gilbert Magri

vs

EPack International Limited

CCT 58/20/MS

2 ta' Dicembru 2020

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrentipprezentat fid-29 ta' April 2020 fejn talab ir-rifuzjoni ta' €780.00, prezz ta' sufan mixtri mis-socjeta' intimata, li beda jitqaxxar minn kullimkien ftit xhur wara li nxtara. Bl-ispejjes.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata tal-14 ta' Lulju 2020, fejn qalu illi huma talbu jaraw ritratti tal-imsemmi sufan pero' r-rikrrent irrifjuta li jibghathom u ghalhekk ma setghux jikkumentaw jew jaghu risposta; illi l-materjal huwa *imitation leather* u jekk ikun espost ghal certu ambjent u kimiki jista' jitqaxxar.

Ra l-atti tal-kawza

Sema' x-xhieda tar-rikorrent.

Ra illi fis-seduta tat-30 ta' Settembru, hadd ma deher ghas-socjeta' intimata u ghalhekk, wara li ra l-Artikolu 12.1 tal-Kap 378.01, il-kawza thalliet ghas-sentenza in difett ta' ostakolu.

Ra li ma kien hemm l-ebda ostakolu ghal prolazzjoni tas-sentenza.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi f'Gunju 2018, ir-rikorrent u l-mara tieghu xtraw sufan minghand is-socjeta intimata ghall-prezz ta' €780.00. Wara xi hames xhur, il-materjal tieghu beda jitqaxxar minn kullimkien. Ir-rikorrent ighid li kkuntattja lil Karl Spiteri rigward il-problema u Spiteri qallu li ser icempillu lura, pero' qatt ma cempel. Ir-rikorrent halla ftit zmien ighaddi u rega' cempillu u Spiteri qallu li s-sufan ma kienx taht garanzija garanzija.

Ir-rikorrent ighid illi s-sufan kien gdid meta xrah u kien ghadu fil-kaxxa, u kienu hallsu prezz ta' sufan gdid.

Illi xehdet ukoll il-mara tar-rikorrent li qalet illi inizjalment kienet baghtet messagg lill-kumpanija biex jigu jaraw is-sufan u kienet irceviet auto-reply. Pero' dawn qatt ma gew. Wara kienet sabet lis-sid Karl Spiteri u cemplitlu u qallha biex tibghatlu ritratti *'by email'* u hekk ghamlet, pero' xorta ma semghet xejn alavolja kien qallha li ha jaghmel kuntatt maghhom. Regghet ikkuntattjathom f'Novembru 2019 ta' sena wara u baqa' ma kellimhomx. Kien hemhekk illi fethu kawza mal-konsumatur.

Illi ghalkemm is-socjeta' intimata ghamlet risposta, ma deher hadd mis-socjeta' intimata biex jikkonferma r-risposta bil-gurament u biex jaghti x-xhieda tieghu li b'xi mod jikkontrasta dak li qeghdin ighidu r-rikorrent u martu.

Ikkunsidra

Illi f'din il-kawza ir-rikorrent qed jitlob ir-rifuzjoni ta' prezz ta' sufan mixtri mis-socjeta' intimata, liema sufan zviluppa hsarat u beda jitqaxxar minn kullimkien wara ftit xhur ta' uzu. Illi ghalkemm fir-risposta tieghu l-intimat ighid illi r-rikorrent irrifjuta jibghatlu ritratti tal-hsara, dan ma giex ippruvat. Anzi gie ippruvat bil-kontra. Fit-12 ta' Gunju 2018 Gilbert Magri baghat email lil Karl Spiteri, fejn spjega l-ilment u baghtlu ukoll erba' ritratti - tlieta minnhom tas-sufan u wiehed minnhom l-ircevuta u l-invoice. Apparti minn hekk, kien hemm messaggi ohra li ntbaghtu f'Novembru 2018, li baqghu bla risposta.

Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi l-versjoni tar-rikorrent hija verosimili u kkorroborata minn provi ohra, filwaqt illi r-riposta tas-socjeta' intimata, apparti li mhijiex guramentata, m'ghandhiex mis-sewwa.

Oltre minn hekk, skond il-ligi, il-bejjiegh ghandu zewg obbligi - li jikkunsinna l-oggett u jiggarantixxi l-haga mibjugha. (Art.1378 Kodici Civili) u anke jekk fil-kuntratt tal-bejgh ma tkunx giet miftiehma garanzija, l-bejjiegh ghandu de jure, jaghmel tajjeb lix-xerrje. (Art. 1409 Kodici Civili).

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilaqa' t-talba tar-rikorrent u jordna s-socjeta' intimata thallsu s-somma ta' €780.00. Bl-ispejjes kontra s-socjeta' intimata li jkollha d-dritt illi tiehu lura s-sufan in kwistjoni wara li jsir id-debitu hlas.

Michela Spiteri Av.
Arbitru